# Rapport ta' Hidma tal-Kunsillier Karl Buttigieg

## Lulju 2019 - Dicembru 2019

Fl-ewwel laqgha tat-tmien legislatura tal-Kunsill Lokali tal-Qala accettajt dawn it-tlett dekasteri:

- **Zghazagh u tfal**
- **Edukazzjoni**
- **Qasam socjali**

F'dawn l-ewwel sitt xhur tal-legislatura fassalt pjan ta' hidma ghal dawn l-oqsma b'mod kongunt. Bdejt nahdem fuq diversi progetti u inizjattivi biex ikunu jistghu jigu implimentati tul din l-legislatura.

Fost il-hidma li wettaqt fuq dawn id-dikasteri hemm:

- Proposta biex issir applikazzjoni ghal *zebra crossing* fi Triq l-Imgarr sabiex tkun aktar facli ghat-tfal u l-istudenti Qalin biex jaqsmu ghall-iskola Primarja minn din it-triq principali tal-Qala li hija triq traffikuza immens. Wara li dahhalna l-applikazzjoni ghand *Transport Malta*, qed nistennew li jigi mqabbad perit biex jindika l-pozizzjoni ezatta fejn din ghandha issir.
- Proposta biex issir talba lill-Istitut ghal-Istudji Turistici (ITS) li jinsab biswit l-iskola Primarja tal-Qala sabiex meta tkun ix-xita tinfetah il-*gate* li hemm fil-genb tal-bini taghhom fin-nahha ta' fuq ta' Triq Isqof Mikiel Buttigieg. Dan sabiex it-tfal ikunu jistghu jidhlu l-iskola billi jghaddu mill-*gate* ghal gol-kuritur li jwasslek gol-iskola Primarja, minflok mit-triq minn fejn ikun ghaddej wied kbir. L-istess ghandu jigri meta fi tmiem il-hin tal-iskola tkun ix-xita u jkun hemm il-wied fit-triq. B'hekk it-tfal li jidhlu u johorgu minn din il-*gate*, jevitaw il-parti tat-triq fejn izomm hafna ilma quddiem l-iskola Primarja. Din il-proposta ressaqtha wara diversi ilmenti li t-tfal kienu qed jidhlu l-iskola imxarrbin meta tkun ix-xita, kawza tal-gharghar li jkun hemm f'din it-triq. Fuq din il-proposta qed nistennew risposta mill-amministrazzjoni tal-ITS.
- Proposta biex inqajmu aktar kuxjenza ghall-indafa fir-rahal, billi tigi organizzata xi attivita' ta' tindif ghat-tfal, ghall-istudenti u ghaz-zghazagh f'xi zona fir-rahal. Nemmen li jekk nedukaw lit-tfal u l-istudenti taghna fuq l-indafa, bis-sahha taghhom dan il-messagg jasal ukoll ghand il-genituri. Il-Kunsill Lokali qabel li din tigi organizzata aktar tard fis-sena 2020.

- Hdimt ukoll biex jigi organizzat ghal darba ohra l-*party* tat-tfal tal-Milied f'Dicembru 2019 li sar f'sala fic-centru tar-rahal u li ghalih attendew numru kbir ta' tfal Qalin. Hadna hsieb li jkun hemm *refreshments* kemm ghat-tfal u anke ghall-genituri taghhom. Hsibna ukoll biex naghtu rigal ckejken lil dawk it-tfal kollha li jkun hemm prezenti.
- Iltaqjna ma' diversi gruppi ta' zghazagh Qalin li talbu l-ghajnuna taghna biex tigi organizzata l-festa tar-rahal tas-sena 2019. Bhala Kunsill Lokali, rajna li noffru l-ghajnuna taghna bhas-snin l-imghoddija lil dawn l-ghaqdiet volontarji taz-zghazagh fosthom l-Ghaqda Briju San Guzepp, l-Ghaqda Armar San Guzepp, Radju Lehen il-Qala u l-grupp li jorganizza t-tigrija taz-zwiemel.
- Bdejt nahdem biex tigi organizzata attivita' divertenti ghaz-zghazagh Qalin fi tmien is-Sajf tas-sena 2020.
- Pruvajt ukoll ninvolvi kemm jista' jkun gruppi taz-zghazagh Qalin fil-progett *Europe for Citizens* li minnu qed jibbenifika l-Kunsill Lokali tal-Qala, u kif ukoll fil-gemelagg li ghandna ma' Canale Monterano. Ghal dan il-ghan, laqqajt numru ta' zghazagh Qalin involuti f'diversi ghaqdiet mal-*Project Leader* tal-progett *Europe for Citizens 'Europe Is A State of Mind'* biex naraw b'liema mod dawn iz-zghazagh jistghu jigu involuti.
- Proposta biex fi zmien il-Milied naghtu rigal ckejken lill-persuni kollha bi bzonnijiet specjali li ghandna fir-rahal taghna. Din il-proposta twettqet f'Dicembru 2019.
- Hdimt flimkien mas-Sindku u mal-Kunsillier Joseph Buttigieg sabiex applikajna ghall-fondi biex inkunu nistghu natrezzaw il-librerija tal-Qala b'sistema ta' arja kkondizzjonata, b'kompjuter iehor li jkun jista' jintuza mill-pubbliku, kif ukoll billi nikrejaw *reading area* moderna ghat-tfal u l-istudenti taghna. Din l-applikazzjoni giet accettata mid-Direttur għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta u permezz taghha l-Kunsill Lokali taghna rcieva l-ammont ta' 2,423 Ewro. Ghalhekk, dan ix-xoghol flimkien ma' xoghol iehor ta' rinovar fil-librerija tal-lokalita` ser jibda fil-bidu tas-sena 2020.

**<u>Materji Ohra li hdimt fuqhom:</u>**

- Komplejt insegwi l-proposta li tigi nstallata *camera* fi Triq il-Wileg, liema proposta kont ghamilt fil-legislatura precedent u dan sabiex nippruvaw innaqqsu l-inkonvejent ghar-residenti ta' Triq il-Wileg u ta' Triq il-Mithna tat-trakkijiet tal-barrieri li jidhlu minn din iz-zona tar-rahal bi ksur tal-ftehim maqbul mal-operaturi tat-tlett impjanti li ghandna fil-Qala. Diversi residenti minn din iz-

zona kemm il-darba tkellmu mieghi dwar din il-problema li kienet qed tohloq mhux biss periklu fit-toroq taghhom minhabba l-*ispeed* eccessiv li jghaddu bih uhud minn dawn it-trakkijiet, izda anke dwar il-problema ta' trabijiet u dhahen li l-istess trakkijiet jhallu fl-arja. B'hekk meta tigi nstallata l-*camera*, ikunu jistghu jsiru rapporti lill-LESA biex johorgu l-kontravenzjonijiet.

- Ressaqt diversi talbiet u lmenti ohra minn diversi residenti fuq problemi f'toroq ohra, fosthom:
    - Triq l-Imgarr minhabba l-problema tal-gharghar u tas-sewqan eccessiv;
    - Triq Papa Piju XII li fiha s-servizzi tal-ilma ghandhom bzonn jinbidlu b'mod immedjat u anke l-wicc tal-istess triq jinsab fi stat hazin hafna;
    - It-triq ta' Hondoq ir-Rummien li ghalkemm ilha 4 snin biss li nghatat wicc gdid bit-tarmak mill-Ministeru ghal Ghawdex, diga bdew jidhru diversi xquq f'parti minnha, u hemm riskju li tisfronda b'periklu ghall-bdiewa taz-zona;
    - Triq it-Tempju fejn qed jghaddu minn hemm influss kbir ta' vetturi lejn in-Nadur peress li t-triq principali tan-Nadur qed isiru fiha xi xogholijiet, liema xogholijiet ser jiehdu zmien twil biex jitlestew.
- Tkellimt biex il-Kunsill Lokali jkompli izomm ghajnejh fuq il-progett tad-distillatur ta' Hondoq ir-Rummien sabiex il-bajja ma tigi qatt mittifsa f'ebda stadju tal-progett. Tkellimt minn tal-ewwel dwar applikazzjoni ghall-permess ta' bini ta' villa fiz-zona Ta' Muxi li hija barra z-zona tal-izvilupp, biex bhala Kunsill Lokali niehdu pozizzjoni cara kontra dan il-progett u noggezzjonaw bil-kbir. Tkellimt ukoll dwar progetti ta' blokok kbar li gew approvati fil-Qala, specjalment fiz-zona ta' Ta' Kassja u l-problemi ta' parkegg u ta' skart li ha jgibu maghhom. Tkellimt ukoll dwar applikazzjonijiet li kien hemm ghall-estensjonijiet tal-barrieri tal-Qala u li bhala Kunsill ghandna noggezzjonaw bhalma dejjem ghamilna. Tlabt ukoll biex bhala Kunsill Lokali ninghataw fondi bhala *planning gain* li jkunu jistghu jintuzaw biex jintrangaw diversi toroq li jigu mkissra mit-trakkijiet tal-istess barrieri.
- Tkellimt biex bhala Kunsill Lokali nkomlu l-ahhar fazi tax-xoghol li kien ilu wieqaf snin fuq il-Fortizza ta' Sant Antnin li kienet qed tigi restawrata mill-Kunsill Lokali tal-Qala. Inhoss li jekk ix-xoghol ma jitlestix, il-hidma kollha li saret f'legislaturi ohra sabiex tkun devoluta din il-gawhra storika lill-Kunsill Lokali u biex tigi restawrata, ikun sar kollu ghal xejn, ghax jekk tithallha kif inhi, it-Trunciera maz-zmien ser terga' tigi fl-istat dizastruz li kienet qabel; haga li bhala Qalin zgur li ma' rridu qatt naraw.

Din il-hidma li ghamilt fl-ewwel sitt xhur ta' din il-legislatura, kif wiehed jista' jara, ghalkemm kienet iffukata l-aktar fuq l-oqsma tal-edukazzjoni, iz-zghazagh, l-istudenti, it-tfal u anke fuq l-aspett socjali, xorta dejjem ippruvajt naghti wkoll prijorita' bzonnijiet ohra essenzjali ghar-residenti Qalin. Din il-hidma li wettaqt f'dawn l-ewwel ftit xhur ghadha biss il-bidu, u l-frott taghha zgur li ser ikompli jinqata' u jitgawda fl-erbgha snin li gejjin.

***Karl Buttigieg***

*Minority Leader – Kunsill Lokali Qala*